KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 83

**It-Tnejn 24 ta' Settembru 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Anthony Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Simon Paul Fenech – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 83.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

83.1.1 Is-SE qrat ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Fenech li kien jinsab xogħol kif ukoll mill-Kunsillier Bugeja li kienet marida. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

83.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti taz-zewġ laqgħat preċedenti bin-numru 81 u 82 (laqgħa urġenti), li kienu meqjusa moqrija.

83.2.2 Il-Kunsillier Vella propona li dawn jiġu approvati filwaqt l-Kunsillier Mifsud issekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u z-zewġ settijiet ta' minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 83.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

83.3.1 Is-Sindku staqsa lis-SE dwar l-isqaq li hemm bejn triq Sir Philip Pullicino u Triq il-Konti Sant Manduca. Hija infurmat li kienet kitbet lill-HA però għadha bla risposta. Il-Viċi Sindku propona li jekk ma nirċevux risposta, dan l-isqaq għandu jsir bil-konkos u s-Sindku u l-Kunsillier Mifsud qablu miegħu. Min-naħa tagħha, is-SE seħqet li l-Kunsill għandu jistenna risposta dwar l-*ownership*.

83.3.2 Għall-mistoqsija dwar il-bankina quddiem Binja Buqana, is-SE infurmat li kienet tkellmet mal-periti diversi drabi. Kien hemm qbil li għandha titlobhom sabiex jgħaddu proposta huma lill-Kunsill.

83.3.3 Is-Sindku informa li kellu lment fuq id-dawl ta' Triq Dar il-Kaptan, dak li kien inħaraq meta xi ħadd ta nar lill-iskips. Kien hemm qbil li s-SE għandha tara hux possibbli li teħel *floodlight*. Hawnhekk, is-SE issuġġeriet li l-aħħar parti minflok il-bankina wiesa' jsiru zewġ parkeġġi u għaldaqstant il-fanal li hemm prezenti jista' jitressaq aktar 'il ġewwa.

83.3.4 Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-President ta' Malta dwar il-ġnien ta' biswit Dar Kenn Għal Saħħtek. Huwa informa li dawn kienu qabbdu perit biex jgħaddilhom proposta biex jitranġa l-ġnien.

83.3.5 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud ġibed l-attenzjoni li l-*bus shelter* il-ġdid ta' Triq l-Imtarfa kien perikoluz. Is-SE infurmat li kienet bagħtet talba lil TM biex titwaħħal barrier hekk kif maqbul mill-Kunsill però din ma ġietx approvata. Kien hemm qbil li għandha terġa' tgħaddiha lil TM.

83.3.6 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa mal-pulizija fejn għaliha attendew is-Supretendent kif ukoll l-Ispettur tar-Rabat.

## 83.4 Ingaġġ ta' skrivan/a fuq bazi ta' 20 siegħa fil-ġimgħa

83.4.1 Is-SE infurmat li kienet bdiet tirċievi s-CV's għall-ingaġġ il-ġdid min-naħa tal-*JobsPlus*. Għaldaqstant talbet sabiex jiġi ffurmat bord għall-intervisti. Kien hemm qbil li għandu jkun hemm is-Sindku, il-Vici Sindku u SE.

## 83.5 Mozzjoni: Biex l-Uffiċjal Ezekuttiv tittella' għal Skala 11

83.5.1 Is-SE għamlet riferenza għal mozzjoni li kienet irċeviet mingħand il-Vici Sindku u ssekondata mis-Sindku sabiex l-Uffiċjal Ezekuttiv tingħata promozzjoni għal *Assistent Principal Officer*, fuq Skala 11.

83.5.2 Is-SE infurmat li bħala l-Kap Amministrattiv tal-Kunsill ma ssibx oġġezzjoni għal din il-promozzjoni.

83.5.3 Il-Kunsill kollu qabel mal-mozzjoni b'mod unanimu.

## 83.6 Qlugħ u bini mill-ġdid ta' *planters* fi Triq il-Ġizi u Triq il-Ġilju

83.6.1 Is-SE għaddiet kopja ta' pjanta li turi l-estent tax-xogħlijiet li se jkun hemm bzonn li jsiru biex jinbidlu l-*planters* perikoluzi fi Triq il-Ġizi u Triq il-Ġilju. Hija infurmat li kienet se ġġib xi kwotazzjonijiet imma sadanittant kienet kitbet ukoll lill-Ministeru għall-Infrastruttura sabiex possibbilment isir ix-xogħol min-naħa tagħhom u l-Kunsill iħallas biss għall-materjal. Min-naħa l-oħra imma ma kienx għad kellha risposta u għaldaqstant kienet se zzomm lill-Kunsill infurmat anke minħabba l-periklu li hemm.

83.6.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-pjanta sottomessa. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jesplora l-possibbiltà li juza xi fondi tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex isir dan il-proġett.

## 83.7 L-attività tal-Imdina Grand Prix (12-14 ta' Ottubru 2018)

83.7.1 Kien hemm qbil li tigi sospiza l-laqgħa għal ftit minuti. Il-ħin kien it-8:15pm. Il-laqgħa reġgħet bdiet fit-8:30pm.

83.7.2 Il-Viċi Sindku informa li kien iltaqa' ma' rapprezentanza ta' TM, Mdina Grand Prix u l-Pulizija dwar din l-attività u assigura lill-Kunsill li kienu se jizdiedu aktar tabelli u se jkun hemm aktar ufficjali mar-rotot kollha. Ir-rotta se tibqa' l-istess, jiġifieri Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello se tibqa' bl-aċċess 'il fuq. Huwa informa wkoll li fil-prezent, it-triq ta' *Chadwick Lakes* qed tiġi mnaddfa mill-ħaddiema tas-CSD. Il-*park and ride* din is-sena se jitneħħa minn Triq l-Infetti u se jiġi relokat għal Triq it-Tiġrija. Huwa informa li minbarra li se jitqassmu l-flyers u l-ittri lir-residenti, se jkun hemm ukoll senjalar minn ġimgħat qabel f'postijiet strateġiċi dwar l-għeluq.

83.7.3 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħandhom fejn kienu qed joffru donazzjoni ta' €500 lill-Kunsill tal-inkonvenjenza li jaqilgħu waqt l-attività. Il-Viċi Sindku informa wkoll li kienu qed jissuġġerixxu li jagħmlu attività għat-tfal, tipo ta' *mini grand prix*.

Il-Kunsill qabel li għandu jirrevoka d-deċizjoni tiegħu ladarba jidher li hemm rieda tajba biex ma jkunx hemm inkonvenjenza lir-residenti.

## 83.8 Ċir AKL 2018/107 – Ħlas ta' kontijiet tad-dawl u ilma fil-Kunsilli Lokali

83.8.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet din iċ-ċirkolari fejn qed tgħid li kull Kunsill jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax il-ħlasijiet tad-dawl u l-ilma fl-uffiċċju tiegħu għal 50ċ għal kull kont. Is-SE infurmat li bħala Kap Amministrattiv taf sewwa l-estent ta' xogħol li hemm fl-uffiċċju u l-problemi li jiltaqgħu magħhom biex ilaħħqu max-xogħlijiet u għaldaqstant talbet lill-Kunsill biex ma

jaċċettax. Wara diskussjoni kien hemm qbil li ssir prova billi jiġu aċċettati ħlasijiet nhar ta' Sibt biss.

## 83.9 Bidla fis-servizz tal-avukat

83.9.1 Is-Sindku propona li jinbidel is-servizz tal-avukat tal-Kunsill... Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Mifsud dwar jekk kienx hemm xi problema mal-avukat prezenti, is-Sindku informa li ma kienx hemm. Fuq talba tal-Kunsillier Mifsud, kien hemm qbil li għallanqas għandhom jinġabu 3 kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

## 83.10 *Defaults* lill-kuntratturi

83.10.1 Is-SE infurmat li kienet ġiet mitluba ttella' dan il-punt mill-ġdid minħabba li qed jinħass li z-zewġ kuntratturi, ezattament tal-knis tat-toroq kif ukoll tas-*soft areas*, mhux jagħmlu xogħlhom b'mod adekwat.

83.10.2 Kien hemm qbil unanimu li għandhom jerġgħu jinħarġu *defaults* lill-kuntrattur tal-knis kif ukoll lil tas-soft areas. Minħabba li kien hemm ukoll problema bis-servizz ta' skart goff, kien hemm qbil li għandha tinħareġ *default* fuq dan il-kuntratt ukoll b'mod speċjali minħabba n-nuqqas li jiġbor parti mill-iskart li nġabar waqt il-*clean up* li saret mill-*Iscouts*.

## 83.11 Military Mtarfa

83.11.1 Is-Sindku informa li kien irnexxielu jġib *sponsorship* ta' €3000 mingħand il-Valletta2018 għall-edizzjoni ta' din is-sena ta' Military Mtarfa.

83.11.2 Sadanittant kien hemm qbil li tinbiel id-data għall-Ħadd 11 ta' Novembru minħabba li taħbat il-mitt sena mill-waqfien mill-ġlied tal-Ewwel Gwerra Dinjija. Kien qed jiġi propost ukoll li jinbidel il-post u jerga' jintuza l-eks sptar. Il-Kunsill qabel li ladarba l-baġit zdied, l-attività għandha tinzamm fl-eks sptar.

## 83.12 Punti Oħra

83.12.1 Is-SE infurmat li resident li joqgħod fi Triq il-Ġilju kien talab li jieħu ħsieb il-*planter* ta' quddiemu b'mod uffiċjali. Il-planter huwa dak li fih siġra taz-zebbuġ u qiegħed quddiem il-funtana ta' wara l-arloġġ. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u s-SE se tara li jiffirma l-ftehim bħas-soltu.

83.12.2 Is-SE infurmat li kien twaħħal il-*fence* fil-bosk u kienu ġew ordnati t-tabelli biex ma jgħaddi ħadd biex jitnaqqas il-periklu li xi ħadd jaqbez. Kien hemm qbil li l-bosk għandu jinfetaħ mill-aktar fis possibbli u sadanittant is-SE għandha tibda l-proċedura biex tinħareġ offerta oħra għall-kustodju. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud kien hemm qbil li l-offerta tkun tinkludi persuna fuq il-post fil-weekend bejn l-10:00am u l-4:00pm.

83.12.3 Is-SE infurmat li kienet ġabet kwotazzjonijiet għal xogħol fuq il-*culvert* tal-ilma tax-xita għal Triq l-Imtarfa, ezattament quddiem il-bandli. L-inqas kwotazzjoni kienet għal madwar €2500 għat-tħaffir ta' *culvert* ta' 6m, issir sodda bil-konkos u jitpoġġa l-ħadid li diġà kien inxtara mill-Kunsill xi xhur ilu. Il-Kunsill talabha tmexxi bix-xogħlijiet.

83.12.4 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-kumpanija TCTC kienet qed terġa' toffri korsijiet tal-kompjuter. Lill-Kunsilli zgħar kienet qed toffrilhom tliet korsijiet differenti għall-prezz ta' €700 minflok €1100 irrispettivament kemm ikun hemm studenti. Il-Kunsill qabel li naċċettaw bil-patt u l-kundizzjoni li jsiru fil-computer room tal-Kunsill.

83.12.5 Is-SE infurmat li kien wasal iz-zmien biex il-Kunsill iġedded l-assikurazzjoni tiegħu u għaldaqstant talbet li tiġġedded dik prezenti. Il-Kunsill qabel.

83.12.6 Is-SE infurmat li ma kien hemm ebda appell għall-offerta tal-*project coordinator* għall-proġett tal-arloġġ u għaldaqstant kienet qed tkompli bil-proċess tal-aġġudikazzjoni sabiex il-persuna magħzula tkun tista' tibda tagħti aktar sehem dirett fuq il-proġett.

## 83.13 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

83.13.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li l-Ħamis kien se jinghata bidu għall-folk festival.

83.13.2 Huwa informa li kienet se ssir laqgha mal-kappillani rigward l-attività tal-korijiet.

## 83.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

83.14.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 83.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

83.15.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:35pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 24 ta' Ottubru fis-7:15pm.

Konfermati, illum 24 ta' Ottubru 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |